# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tas-6 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 280/2022 IS**

**SIMONDS FARSONS CISK P.L.C. (C 113)**

*VERSUS*

1. **BARKING FROG LTD. (C 75980)**
2. **ASSAD BEANEY MARIA JOSE DOS SANTOS (I.D. 74296 (A))**
3. **JAN ERIK PANTZAR (I.D. 110505 (A))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2022 (a fol 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ disa' mija u sitta u sittin Ewro u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 966.30) b'konnessjoni ma' valur ta' merċa li ġew mixtrija u kkonsenjati mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti skond *statement* ippreżentat mis-soċjeta' attriċi kif ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

Ra illi fit-2 ta' Ottubru 2023, is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata bil-proċedura tal-affissjoni (a fol. 35).

Ra illi saret ukoll fil-kompletezza tagħha il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni mis-soċjeta' attriċi fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta.

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta ma ppreżentat ebda risposta jew dehret għall-ewwel seduta wara li kienet hekk innotifikata b´dan illi waqgħet fi stat ta´ kontumaċja. (a fol. 39).

Ra illi s-soċjeta' attriċi ippreżentat kapitolu fir-rigward tas-soċjeta' konvenuta (a fol. 47).

Ra illi saru seduti wara fejn is-soċjeta′ konvenuta setgħet tirribatti l-kapitolu imma naqset milli tagħmel dan.

Ra illi fit-2 ta′ Ottubru 2023, il-konvenuta Assad Beaney Maria Jose Dos Santos ġiet debitament notifikata bil-proċedura tal-affissjoni (a fol. 35).

Ra illi saret ukoll fil-kompletezza tagħħa il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni mis-soċjeta′ attriċi fil-konfront tal-konvenuta Assad Beaney Maria Jose Dos Santos.

Ra illi l-konvenuta Assad Beaney Maria Jose Dos Santos ma ppreżentat ebda risposta u/jew kontro-talba jew dehret għall-ewwel seduta wara li ġiet hekk innotifikata b´dan illi waqgħet fi stat ta´ kontumaċja. (a fol. 39).

Ra illi s-soċjeta′ attriċi ppreżentat kapitolu fir-rigward tal-konvenuta Assad Beaney Maria Jose Dos Santos (a fol. 47).

Ra illi saru seduti wara fejn il-konvenuta Assad Beaney Maria Jose Dos Santos setgħet tirribatti l-kapitolu imma naqset milli tagħmel dan.

Ra illi fil-5 ta′ Novembru 2022, il-konvenut Jan Erik Pantzar ġie debitament notifikat (a fol. 11).

Ra illi l-konvenut Jan Erik Pantzar ippreżenta r-risposta tiegħu fl-14 ta′ Novembru 2022 (a fol. 10).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-30 ta′ Novembru 2023, is-soċjeta´ attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 48).

Ra illi fl-24 ta′ Jannar 2024, il-konvenut Jan Erik Pantzar għalaq il-provi tiegħu (a fol. 56).

Ra illi fit-13 ta′ Marzu 2024, il-partijiet iddikjaraw li qed jagħlqu l-provi kollha tagħhom (a fol. 97).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Il-kuntratt bejn is-soċjeta´ attriċi u l-konvenuti u/jew is-soċjeta´ konvenuta kien ċar b´dan illi tali *Terms and Conditions of Credit* ippreżentati mis-soċjeta′ attriċi ma jħallu ebda dubju f′moħħ

it-Tribunal dwar l-interpretazzjoni u l-applikabbilita' dan it-tali kuntratt (a fol. 3).

<u>Kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta Barking Frog Ltd. u tal-konvenuta Assad Beaney Maria Jose Dos Santos</u>

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi tali żewġ konvenuti, u ċioe' s-soċjeta' konvenuta Barking Frog Ltd. u l-konvenuta Assad Beaney Maria Jose Dos Santos, ma ressqu ebda risposta u/jew kontro-talba jew dehru għall-ewwel seduta wara li kienu ġew hekk innotifikati b´dan illi jwassal illi tali konvenuti huma fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta´ attriċi da parti l-konvenuti iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenuti baqgħu kontumaċi, dan ma jfissirx li huma abbandunaw kull eċċezzjoni li setgħu jagħmlu fil-kawża u ammettew id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq is-soċjeta´ attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenuti (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "*Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju**

**tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>Il-kuntratt bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti u l-validita' ta' tali kuntratt</u>

Tali kuntratt, jew ftehim bil-kitba, bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti ġie ffirmat meta l-konvenut Jan Erik Pantzar kien għadu direttur fis-soċjeta' konvenuta, u dan skond l-affidavit tal-imsemmi konvenut li kien ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2024, u liema affidavit jinsab a fol. 83, għalkemm it-Tribunal jinnota illi tali ftehim ma jindika ebda data fuqu. It-Tribunal jinnota wkoll illi tali ftehim m'għandu ebda data ta' skadenza u ħadd mill-partijiet ma pprova jwaqqaf tali ftehim, b'dan illi allura tali ftehim kien għadu validu fl-2020 meta tali soċjeta' attriċi kkonsenjat il-merċa lis-soċjeta' konvenuta.

<u>Is-soċjeta´ hija persuna legali fiha nnifisha</u>

Il-mistoqsija li tqum hi jekk hux is-soċjeta´ konvenuta jew il-konvenuti Assad Beaney Maria Jose Dos Santos u/jew Jan Erik Pantzar huma responsabbli għal tali ħlas peress illi t-tliet konvenuti kienu fit-tali talba.

Is-soċjeta´ konvenuta hi persuna legali distinta miż-żewġ konvenuti l-oħra hawnhekk imsemmija u dan skond l-artikolu 4 (4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta´ Malta, għalkemm dawn l-imsemmija żewġ konvenuti kienu żewġ diretturi ta´ tali soċjeta´ konvenuta skond il-*memorandum* tas-soċjeta' konvenuta, liema kopja ta' parti tal-imsemmi dokument tinsab a fol. 60.

Jidher mit-*Terms and Conditions of Credit* ippreżentati mis-soċjeta' attriċi (a fol. 3) illi tali soċjeta' konvenuta daħlet fi ftehim mas-soċjeta' attriċi b'dan illi għaldaqstant tali soċjeta' konvenuta hi responsabbli lejn is-soċjeta' attriċi.

<u>L-iffirmar tal-kuntratt minn Assad Beaney Maria Jose Dos Santos u Jan Erik Pantzar</u>

Dan it-Tribunal jiċċara illi tali żewġ konvenuti jidhru illi kienu żewġ diretturi tas-soċjeta' konvenuta meta sar il-ftehim mas-soċjeta' attriċi, hekk kif inhu spjegat iktar 'il fuq.

Mit-*Terms and Conditions of Credit* ippreżentati mis-soċjeta' attriċi (a fol. 3) Jan Erik Pantzar iffirma bħala tali direttur u Assad Beaney Maria Jose Dos Santos bħala garanti.

Fir-rigward ta' Assad Beaney Maria Jose Dos Santos, hija iffirmat fuq tali ftehim bħala *guarantor* b'dan illi tali konvenuta daħlet għall-responsabblita' kbira u li ma tagħti ebda lok għall-interpretazzjoni differenti *stante* illi tali kuntratt illi jismu *Terms and Conditions of Credit* jipprovdi illi "*The Guarantor hereby constitutes himself/herself, a joint and several debtor with the Re-seller, in favour of the Company, which accepts, in respect of the Re-Seller's obligations under these Terms of Credit. All the parties to this Agreement agree that Farsons has the right, at its option, to proceed for the recovery of any balance due hereunder against either the Re-Seller or the Guarantor or*

*against both the Re-Seller and the Guarantor at the same time."*

Fir-rigward ta' Jan Erik Pantzar, ġjaladarba iffirma bħala direttur, tali *Terms and Conditions of Credit* jipprovdu fi klawsola 10 it-tali segwenti:
"*The Director/s and/or Shareholders of the private company signing this agreement, bind themselves personally to the Company, which accepts, in solidum together with the private company, to the performance of all the obligations under these Terms and Conditions of Credit. In particular, and without prejudice to the generality of the above, they shall be personally liable, in solidum with the private company, for the repayment of all overdue payments and interest due to the company under this agreement. In the absence of any other agreement, this personal liability will subsist even if the private company is liquidated, wound-up, amalgamated with another company or converted, and notwithstanding any change in the names of the Directors and/or shareholders after the signing of this agreement and/or in the running of the business*." B'dan illi trasferiment ta' ishma fis-soċjeta' konvenuta jew riżenji minn diretturi wara li jkunu hekk iffirmaw tali kuntratt mas-soċjeta' attriċi ma jwasslux sabiex tali persuni ma jibqgħux obbligati *in solidum* lejn is-soċjeta' attriċi.

Inoltre', meta Jan Perik Pantzar iffirma, tali *Terms and Conditions of Credit* jipprovdu illi "*In conjunction with this application for credit, I verify that I have read and understood the above terms and conditions and agree to be bound by all the conditions above*." B'dan illi qatt ma jista' jallega li ma fehemx xi klawsola jew ma kienx konoxxenti tagħha.

B'dan illi għaldaqstant, jekk il-konvenuti Assad Beaney Maria Jose Dos Santos u Jan Erik Pantzar ma fehmux xi klawsola mill-ftehim, bħall-klawsola numru 10 fost oħrajn, setgħu faċilment ma ffirmawx il-ftehim. Inoltre', Jan Erik Pantzar, fl-affidavit tiegħu ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2024, u liema affidavit jinsab a fol. 83, huwa qal illi "*Although I did not agree with the condition that I was signing personally since my actions were solely directed towards the benefit of Barking Frog Limited, I opted to go forward*" b'dan illi huwa ċar u unekwivoku illi l-konvenuti, speċjalment żgur Jan Erik Pantzar, kienu ben konsapevoli tal-klawsoli tal-kuntratt.

B'dan illi tali klawsoli fit-tali kuntratt ma jħallu ebda dubju f'moħħ it-Tribunal illi tali konvenuti huma responsabbli lejn is-soċjeta' attriċi daqs is-soċjeta' konvenuta.

<u>It-talba għall-ħlas magħmula mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti</u>

Dan it-Tribunal hu konvint illi s-soċjeta' attriċi ippruvat fuq grad ta' probabbilita' illi l-konvenuti huma kollha *in solidum* responsabbli għall-ammont indikat fl-*istatement of account* li jinsab a fol. 2 u għaldaqstant għall-ammont ta' disa' mija u sitta u sittin Ewro u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 966.30) u dan ukoll hekk kif anke jidher mill-interpretazzjoni tal-kuntratt ippreżentata mit-Tribunal iktar 'il fuq.

Imgħax

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenuti lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data ta' kull fattura hekk mhux imħallsa u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan illi pero', is-soċjeta' attriċi indikat illi għandha titħallas tal-imgħax mis-17 ta' Ottubru 2022, u ċioe' mid-data tal-preżentata tat-talba in kwistjoni u b'dan illi għaldaqstant, l-imgħax għandu jibda jiddekorri minn din l-imsemmija data sad-data tal-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

Spejjeż

George Cassar White, fl-affidavit tiegħu li kien eżebit fit-20 ta' Novembru 2023, u li jinsab a fol. 51 u 52, jindika illi s-soċjeta' attriċi bagħtet diversi ittri, ittra legali u anke ittra uffiċċjali datata 15 ta' Marzu 2022 bin-numru 644/2022 b'dan illi pero' it-Tribunal ma setax isib il-kopji tal-imsemmija ittri fil-proċess. B'dan illi pero' il-konvenuti huma obbligati illi jħallsu wkoll tali spejjeż lis-soċjeta' attriċi ġjaladarba s-soċjeta' attriċi turi b'mod ċar u unekwivoku lill-konvenuti illi tali ittri verament intbagħtu lilhom.

L-ispejjeż ġudizzjarji ikunu deċiżi fid-***Decide.***

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ammont disa' mija u sitta u sittin Ewro u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 966.30) b'konnessjoni ma' valur ta' merċa li ġew mixtrija u kkonsenjati mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti skond *statement* ippreżentat mis-soċjeta' attriċi u fuq talba tal-istess konvenuti u li jridu jitħallsu mill-konvenuti jew min minnhom ġjaladarba huma kollha debituri tas-soċjeta' attriċi b'dan illi s-soċjeta' attriċi tista' tirriserva d-dritt illi titħallas minn kwalunkwe konvenut imsemmi f'din it-talba għall-ammont kollu hawnhekk indikat bl-imgħax legali sa mid-data tal-preżentata tal-preżenti talba sad-data tal-ħlas effettiv kif ukoll l-ispejjeż fir-rigward ta' diversi ittri, ittra legali u anke ittra uffiċċjali datata 15 ta' Marzu 2022 bin-numru 644/2022 ġjaladarba s-soċjeta' attriċi turi b'mod ċar u unekwivoku lill-konvenuti jew min minnhom illi tali ittri verament intbagħtu lilhom.

L-ispejjeż ġudizzjarji in konnessjoni ma' din it-talba huma kollha a karigu tal-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur